

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## DEĊIŻONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1665

tat-28 ta' Awwissu 2023

**li tikkoreġi d-Deċiżjoni (UE) 2023/1409 li tagħti struzzjonijiet lill-Amministratur Ċentrali tar-Reġistru tal-Unjoni biex jirritorna l-eċċess tal-Unjoni lill-Istati Membri u lir-Renju Unit, fi tmiem it-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1339 tat-13 ta' Lulju 2015 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Emenda ta' Doha għall-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-tweqqiq konġunt tal-impjenji taħtha <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Billi:

- (1) Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1409 <sup>(2)</sup>, il-Kummissjoni identifikat żball fil-kalkolu tal-eċċess nett tal-Unjoni.
- (2) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, huwa meħtieġ li tiġi kkoreġuta d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq u li jiġi sostitwit l-Anness tagħha, fir-rigward tal-ammont totali tal-eċċess tal-Unjoni u tal-eċċess tal-Unjoni allokati tal-Istati Membri.
- (3) Wara t-trasferiment tas-sehem tar-rikavati lill-Fond ta' Adattament, l-eċċess nett tal-Unjoni fir-Reġistru tal-Unjoni tela' għal 2 156 103 762 unità tal-ammont assenjat meta mqabbel ma' 2 215 147 885 unità msemmija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Lulju 2023 msemmija hawn fuq. Dawn l-unitajiet jenħteġ li jiġu rritornati lill-Istati Membri u lir-Renju Unit <sup>(3)</sup> f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1339.
- (4) Jenħteġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha sabiex l-eċċess tal-Unjoni jiġi rritornat lill-Istati Membri qabel d-9 ta' Settembru 2023, id-data meta jintemm il-perjodu addizzjonali għat-tweqqiq tal-impjenji skont il-Protokoll ta' Kjoto,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni (UE) 2023/1409 huwa sostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 207, 4.8.2015, p. 1.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1409 tal-4 ta' Lulju 2023 li tagħti struzzjonijiet lill-Amministratur Ċentrali tar-Reġistru tal-Unjoni biex jirritorna l-eċċess tal-Unjoni lill-Istati Membri u lir-Renju Unit, fi tmiem it-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto (ĠU L 170, 5.7.2023, p. 100).

<sup>(3)</sup> ĠU C 384 I, 12.11.2019, p. 59.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Awwissu 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
Maroš ŠEFČOVIČ  
Vċi President Eżekuttiv

---

## ANNEX

L-Anness mad-Deċiżjoni (UE) 2023/1409 huwa emendat kif ġej:

L-Istati Membri u r-Renju Unit	Unitajiet tal-ammont assenjat tal-eċċess tal-Unjoni allokat
Il-Belġju	20 450 588
Il-Bulgarija	126 141 099
Iċ-Ċekja	133 267 103
Id-Danimarka	13 136 942
Il-Ġermanja	195 195 443
L-Estonja	50 771 706
L-Irlanda	11 354 436
Il-Greċja	15 894 130
Spanja	58 409 926
Franza	99 661 294
Il-Kroazja	7 182 633
L-Italja	79 680 094
Ċipru	1 568 619
Il-Latvja	40 100 861
Il-Litwanja	70 430 898
Il-Lussemburgu	2 406 891
L-Ungerija	107 256 218
Malta	307 434
In-Netherlands	30 412 409
L-Awstrija	13 412 151
Il-Polonja	298 687 162
Il-Portugall	13 296 395
Ir-Rumanija	490 413 095
Is-Slovenja	3 286 845
Is-Slovakkja	75 013 997
Il-Finlandja	8 658 264
L-Iżvezja	13 218 840
Ir-Renju Unit	176 488 289
Totali	2 156 103 762